MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru. 240/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Arthur Mercieca]**

**vs**

**John Sammut**

Kumpilazzjoni Numru: 240/2009

Illum, 6 ta’ Lulju, 2009

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi John Sammut, ta` 57 sena, iben il-mejjet John u Josephine nee` Busuttil, imwieled ir-Rabat fit-18 ta’ Jannar, 1952, residenti Blokk

13B, 105, Triq San Oswald Mtarfa u detentur ta' karta ta' l-identita` bin-numru 92152(M).

Akkuzat talli f' Mejju, 2007, u fix-xhur ta' wara, f' dawn il-Gzejjer, b' diversi atti maghumlin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1. Approprija, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal-persuni ohra, is-somma ta' aktar minn erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€4,658.74) ghad-dannu ta' Stefan Aquilina, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat;

2. B' mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b' qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b' ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti mmaginarji, jew sabiex iqanqal tamma jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' aktar minn erbat elef u sitt mija u tmienja u hamsin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€4,658.74) ghad-dannu ta' Stefan Aquilina;

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali li biha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali skond l-artikoli 18, 293, 308, u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellhux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghat ix-xhieda.

Rat l-atti processwali.

Semghat it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat huma dawk ta’ misapproprazzjoni u truffa f’ammont li jeccedi €2329.37 a dannu ta’ Stefan Aquilina.

Illi mill-provi jirrizulta li l-imputat uza elfejn liri Maltin (Lm2,000) li kien tah ibnu Johann Sammut biex jaqta’ xi obligazzjonijiet li kellu. Peress li ibnu kellu bzonn il-flus lura u l-imputat ma kienx f’pozizzjoni li jaghtihomlu lura hu avvicina lil Stefan Aquilina biex dan jisilfu l-elfejn lira Maltin. Pero meta kellem lil Aquilina l-imputat qallu li hu ried il-flus in konnessjoni ma’ xi permessi relattivi ghal xi bini; ma qallux li riedhom ghax kellu dejn x’jaqta’ mat-tifel. Aquilina silef il-flus.

Illi jirrizulta ukoll li l-imputat kien ghamel emfasi ma’ Aquilina biex dan (Aquilina) ma jghid xejn dwar is-self lil uliedu (cioe ulied l-imputat).

Illi l-elementi essenzjali biex jissussistu r-reati tat-truffa u misappropjazzjoni huwa ben stabbiliti fis-sistema giuridika taghna.

Illi fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti jirrizultaw ampjament dawn l-elementi u li konsegwentement gew sodisfacjentement pruvati l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-koperazzjoni ta’l-imputat mal-pulizija; il-fedina penali tieghu li ghalkemm mhiex netta lanqas m’hi allarmanti; kif ukoll il-fatt li l-imputat hallas l-ammonti kollha dovuta minnu qabel llum, ghakemm fil-mori tal-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293, 308, u 310(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputat hati ta’l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b’applikazzjoni ta’l-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju r-responsabilta tieghu u x’jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn mill-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------